**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Sentenza tat-30 ta' Mejju, 2019**

**Talba Numru: 232/2017 AM3**

**Numru fuq il-Lista:-24.**

**Jane Falzon (K.I. 375343M)**

**JLJ, 280, Ghaxaq Bypass,**

**Ghaxaq**

**U**

**Louis Falzon (K.I. 44877M)**

**bhala mandatarju tal-istess Jane Falzon.**

**vs**

**Kevin Sciberras (K.I. 247873M)**

**12, Triq Santa Katerina,**

**Gudja**

**U**

**Rowena Jane Tunks Sciberras (K.I. 228003L)**

**12, Triq Santa Katerina,**

**Gudja**

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba prezentat mill-atturi fit-02 ta' Mejju, 2017 li permezz tieghu talbu li l-konvenuti jigu ordnati jhallsu disa' mija u hamsa u disghin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€995.54c) kwantu ghal seba mitt ewro (€700) bhala arretrati ta' kera ta'

garage li jinsab numru 22, Triq il-Barjola, Gudja bejn Gunju u Lulju, 2016 li l-atturi krew lil konvenuti u mitejn hamsa u disghin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€295.54c) arretrati ta' kontijiet ta' dawl u ilma.

Ra r-risposta tal-intimati li permezz taghha eccepew li l-allegazzjonijiet kollha tal-atturi huma infondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt, mhux talli l-konvenuti ma hallsux talli kienu l-istess atturi li naqsu li jaghtu l-ircevuti.

Ra l-affidavit ta' Jane Falzon fol 14 li spjegat li hija sid il-garage li jinsab 22, Triq il-Barjola, Gudja u li jiehu hsiebu binha Louis Falzon. Huma krew dan il-garage lil konvenuti tlett mija u hamsin ewro (€350) fix-xahar u l-kera bdiet minn Mejju, 2015. Huma kellhom ukoll jaghmlu tajjeb ghal kontijiet tad-dawl u ilma fl-istess garage. Fl-ewwel xahar il-kera thallset normali izda mat-tieni xahar bdew il-problemi. Binha Louis infurmaha li l-konvenut Kevin Sciberras infurmah li kien ser johrog fl-ahhar ta' Lulju, 2016. Huma ma oggezzjonawx izda esigew li l-konvenuti jhallsu l-arretrati tal-kera ta' Gunju u Lulju, 2016 u l-kontijiet tad-dawl u ilma li jammontaw ghal mitejn tmienja u tmenin ewro u sebgha u disghin centezmu (€288.97c) u pprezentat l-ircevuti relativi tal-ARMS Limited.

A fol 21 Malcolm Banavage fl-affidavit tieghu xehed li fis-sajf tas-sena 2016 Louis Falzon talbu jigbor ic-cavetta tal-garage. Dan kien fl-01 ta' Awwissu meta flimkien mal-konvenut qraw l-arloggi tad-dawl u ilma u ha xi ritratti li imbaghad ghaddihom lil Louis Falzon. Huwa pprezenta kopja ta' dawn ir-ritratti.

A fol 28 Matthew Attard fl-affidavit tieghu xehed li huwa jahdem ma' Louis Falzon f'hanut f'Hal Ghaxaq u gieli gabar il-kera minghand il-konvenut u li fis-sajf 2016 il-konvenut mar il-hanut fejn jahdem biex ihallas l-kera ta' Mejju, 2016 u quddiemu cempel lil Louis Falzon u qallu li l-kirja tax-xahar ta' Gunju kien ser ihallasha ftit jiem wara. Minn wara dakinhar il-konvenut ma resaqx aktar lejn il-hanut fejn jahdem hu.

A fol 40 et Louis Falzon xehed li l-konvenut hallas sa Mejju, 2016 kera u baqghalu jhallas xahrejn kera u arretrati ta' dawl u ilma.

A fol 57 xehed Reuben Bonnici rapprezentanza tal-ARMS Limited li pprezenta l-kontijiet tad-dawl u ilma tal-garage in kwistjoni bejn Dicembru, 2015 sat-02 ta' Settembru, 2016.

A fol 67 l-atturi ddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi.

Li l-konvenuti nghataw zewg seduti biex iressqu l-provi taghhom izda naqsu li jidhru u li jipprezentaw il-provi u ghalhekk fis-seduta tal-10 ta' Mejju, 2019 dan it-Tribunal ddikjara l-provi tal-konvenuti maghluqa u halla l-kawza ghas-sentenza.

Ikkunsidra

Li l-atturi krew lil konvenut il-garage li jinsab numru 22, Triq il-Barjola, Gudja. Li l-kera kienet ta' tlett mija u hamsin ewro (€350) fix-xahar. Li l-konvenuti kellhom ukoll ihallsu l-ispejjez tad-dawl u ilma fil-perjodu tal-kirja. Li l-konvenuti ghaddew ic-cwievet lil konvenuti fl-01 ta' Awwissu, 2016 izda hallsu kera sal-ahhar ta' Mejju, 2016 u naqsu li jhallsu l-arretrati tad-dawl u ilma.

Mix-xhieda u provi prodotti jirrizulta li l-konvenuti naqsu li jhallsu l-kera ghax-xhur ta' Gunju u Lulju, 2016 u l-arretrati tad-dawl u ilma sa dakinhar li l-konvenuti cedew il-kirja fl-01 ta' Awwissu, 2016. It-talbiet tal-atturi ghalhekk jirrizultaw ippruvati.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jordna lil konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' disa mija u hamsa u disghin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€995.54c) bl-imghax legali mid-data ta' l-ittra ufficjali tat-12 ta' Awwissu, 2016 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**